

- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbatis nofs l-ispejjeż tiegħu u nofs l-ispejjeż tas-Central Bank of Iran.
- 4) Central Bank of Iran għandu jbatis nofs l-ispejjeż tiegħu u nofs l-ispejjeż tal-Kunsill.

(¹) ĠU C 243, 11.08.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tat-18 ta' Settembru 2014 – Holcim (Romania) vs Il-Kummissjoni
(Kawża T-317/12) (¹)**

(“*Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjoni ta’ gassijiet serra — Responsabbiltà minħabba nuqqas — Rifiut tal-Kummissjoni li tiżvelha informazzjoni u li tipprojbixxi kwalunkwe tranżazzjoni relatata ma’ kwoti ta’ emissjoni allegatament misruqa — Ksur suffiċċientement serju ta’ dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi — Responsabbiltà mingħajr nuqqas*”)

(2014/C 388/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Holcim (Romania) SA (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentant: L. Arnauts, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Mifsud-Bonnici u E. White, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba, imressqa abbażi tar-responsabbiltà minħabba nuqqas, intiża għall-kumpens tad-dannu allegatament sostniet mir-rikorrenti minħabba r-rifiut tal-Kummissjoni li tiżvelha informazzjoni dwar kwoti ta’ emissjoni ta’ gass serra li allegatament insterqulha u li tipprojbixxi kwalunkwe tranżazzjoni relatata ma’ dawn il-kwoti u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni, imressqa abbażi tar-responsabbiltà mingħajr nuqqas.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Holcim (Romania) SA hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 287, 22.09.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tal-24 ta’ Settembru 2014 – Sanofi vs UASI – GP Pharm (GEPRAL)
(Kawża T-493/12) (¹)**

[“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Komunità Ewropea — Trade mark verbali GEPRAL — Trade mark internazzjonali verbali preċedenti DELPRAL — Raġuni relativa għal rifiut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2014/C 388/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Sanofi (Pariji, Franza) (rappreżentant: C. Hertz-Eichenrode, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)